MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Numru. 386/2006

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Bjorn Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Bjorn Bartolo ta’ 21 sena imwieled Pieta fit-30 ta’ Mejju 1983, iben Joseph u Gertrude mwielda Fenech, residenti Ajax House, Spinola Road, St. Julians, detentur tal-Karta tal-Identita 286283(M)

1. akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-8 ta’ Awissu 2004 ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy)

minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

2. U aktar talli fis-16 ta' Ottubru 2004 f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstacy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

Wara li rat li fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, din il-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza ghaliex *inter alia* fin-nota tieghu l-imputat kien qajjem il-kwistjoni dwar l-ammissibilita tal-istqarrija orali li qal li ghamel lill-ufficjali tal-pulizija qabel ma kellu access ghal assistenza legali. Din il-Qorti stiednet lill-partijiet jaghmlu sottomissjonjiet fir-rigward in vista tal-insenjament ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** tat-8 ta' Ottubru 2012 u **Repubblika ta' Malta vs. Alfred Camilleri** deciza fit-12 ta' Novembru 2012.

Fl-istess seduta, Dottor Herrera ghall-imputat irrimetta ruhu ghan-nota minnu ipprezentata fit-12 (recte 18) ta' Jannar 2012 u irrileva li s-sentenza minnu citata giet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali. Din il-Qorti tat lill-ufficjal prosekutur il-fakolta li jirrispondi ghal din in-nota u jaghmel kummenti fuq is-sentenzi ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali sat-30 ta' Jannar 2013 bil-visto tal-kontroparti, pero mill-atti ma jirrizultax li l-ufficjal prosekutur ipprezenta tali nota.

F'dik l-istess seduta din il-Qorti iddiferiet il-kawza ghas-sentenza finali ghal-lum.

Ikkunsidrat:

**Il-Kwistjoni tal-Istqarrija**

Mhux kontestat li fil-gurnata li fiha ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, il-ligi Maltiija ma kienitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogatorju.

Fl-ahhar sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali in materia, u cioe dik fl-ismijiet **Charles Steven Muscat v. Avukat Generali** deciza fit-8 t'Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.

2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet dan l-insenjament taghha fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Alfred Camilleri**, deciza fit-12 ta' Novembru 2012, pero fuq il-fatti specje tal-kaz waslet ghall-konkluzjoni li fil-fatt kien gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq tal-akkuzat ghaliex *inter alia:*

1. ghalkemm l-akkuzat kellu diga xi kundanni fil-fedina penali qabel sar l-interrogatorju, ma rrizultax li qatt skonta sentenza ta' prigunerija, u lanqas irrizulta li qabel kellmu l-ispettur kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija jew kien involut fi tfittxija kif fil-fatt saritlu.

2. illi qabel bdiet it-tfittxija fir-residenza ta' ommu, ghalkemm l-akkuzat kien suspettat bit-twettieq ta' reat, huwa ma nghatax it-twissija li kellu jedd jibqa' sieket sabiex ma jinkriminax ruhu.

Ma jistghax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[1]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[2]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta'

---

[1] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[2] Deciz fil-11 ta' April 2011.

ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Min-naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[3]

Fil-kaz odjern, meta ttiehdet l-istqarrija, l-imputat kellu 21 sena, u kellu fedina penali netta. Ghalhekk ma jirrizultax li l-imputat ma kien midhla tal-pulizija u mal-mod ta' kif isiru l-interrogazzjonijiet. Ghalkemm l-imputat ma kienx minorenni, lanqas jista' jitqies li kien ragel ta' eta matura. F'dawn ic-cirkostanzi, fl-opinjoni konsiderata tal-Qorti, l-imputat seta' facilment ikun intimidat bl-arrest tieghu u bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju, u konsegwentement inkrimina ruhu b'dak li qal fl-istqarrija tieghu, meta seta' uzufruwixxa mid-dritt tieghu li ma jwiegibx. Ghalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma illi f'dawn ic-cirkostanzi, l-istqarrija tal-imputat ghandha tigi, u se tigi, skartata.

Ghal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-istqarrija iggib id-data tas-16 ta' Settembru 2004,[4] mix-xhieda tas-Supretendent Norbert Ciappara jirrizulta li din ittiehdet fis-16 ta' Ottubru 2004.[5] Pero billi din l-istqarrija se tigi fi kwalunkwe kaz skartata, dan l-izball fix-xhar huwa irrilevanti ghal fini ta' din is-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputat jinsab akkuzat b'zewg imputazzjonijiet distinti u separati, u cioe:

1. traffikar tad-droga ecstacy allegatament fit-8 ta' Awwissu 2004;

---

[3] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef Emeritus fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[4] Ara Dok NC1 a fol. 13 tal-process.
[5] Ara xhieda tas-Supretendent Ciappara a fol. 11 tal-process.

2. pussess semplici tad-droga ecstacy li allegatament sar fis-16 ta' Ottubru 2004.
Ghaldaqstant, il-Qorti se titratta dawn iz-zewg imputazzjonijiet separatament.

*1. traffikar tad-droga ecstacy fit-8 ta' Awwissu 2004.*

Illi l-unika prova fl-atti li tista' tkun relevanti dwar din l-imputazzjoni hija x-xhieda ta' Christopher Friggieri. Dan ix-xhud xehed li huwa kien xtara il-pilloli ecstacy minghand certu "Bjorn" xi hames (5) snin qabel ma xehed. Dan ix-xhud xehed fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2009, u ghalhekk hames snin qabel jigi l-2004. Pero dan ix-xhud ma tax id-data specifika ta' meta xtara dawn il-pilloli minghand "Bjorn", u meta mistoqsi jekk huwa hux qed jaghraf lil dan "Bjorn" fl-Awla wiegeb fin-negattiv.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma giet ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

*2. pussess semplici* tad-droga ecstacy fis-16 ta' Ottubru 2004.

Zewg ufficjali tal-pulizija xehdu li fis-16 ta' Ottubru 2004 huma kienu waqfu lill-imputat u sabulu erba (4) pilloli allegatament ecstacy. L-espert xjenzat Godwin Sammut, innominat minn din il-Qorti xehed li fuq analizi li saret fuq dawn il-pilloli instabet is-sustanza MDMA.

Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni tirrizulta ippruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghall-fini ta' piena dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, il-fatt li l-hati ikkopera mal-pulizija - ghalkemm hawn irid jinghad ukoll li mill-provi jirrizulta li huwa nqabad *red-handed* – u li l-fedina penali aggiornata tieghu hija netta. Huwa ikkopera wkoll f'dawn il-proceduri

fis-sens li attenda ghal maggoranza tas-seduti, ghalkemm bhalissa qieghed jghix barra minn Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(1B), 120A(2)(b)(i) u (ii), 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31, u ir-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985 issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk qieghda tilliberah minnha, izda issibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputat il-portata ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna lill-hati ihallas ukoll l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------